

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oríginarjament bl-Ingliż. Id-dokument oríginali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

ECHA/NA/12/37

## Il-publikazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali dwar is-sustanzi kimiċi

Aktar informazzjoni mid-dossiers tar-reġistrazzjoni ser tīgi ppubblikata fuq il-websajt tal-ECHA min-Novembru. Ir-reġistranti jistgħu jitkolli l-informazzjoni tinżamm kufidenzjali billi jaġġornaw id-dossiers tagħhom qabel l-aħħar ta' Ottubru.

**Helsinki, I-24 ta' Lulju 2012** Min-Novembru, l-ECHA ser tagħmel disponibbli fuq il-websajt tagħha aktar informazzjoni mid-dossiers tar-reġistrazzjoni. Dan ifisser li ser tīgi implimentata deċiżjoni meħuda mill-ECHA fl-2011 u huwa skont l-Artikolu 119(2)d ta' REACH. B'dawn l-elementi l-għaddha, l-informazzjoni li tkun magħmula disponibbli tkun tħalli l-informazzjoni tas-sustanza kif ukoll elementi oħra li normalment ikunu jinsabu fi Skeda ta' Dejta ta' Sigurtà (SDS). Kumpaniji li jkunu jixtiequ jitkolli l-kunfidenzjalità fir-rigward ta' dawn l-elementi jeħtieġ li jaġġornaw id-dossiers tagħhom u jiġi justifikaw it-talbiet tagħhom għal trattament kufidenzjali.

Ir-reġistranti kollha huma nkoraġġiti jirrivedu d-dossiers tagħhom u jużaw il-plug-in ta' tixrid aġġornat IUCLID 5.4 li jkun jidentifika d-dejta li tkun ser tīgi ppubblikata. Il-plug-in huwa disponibbli mingħajr ħlas fuq il-websajt IUCLID. Sorsi oħra ta' għajnejna huma d-dokument ta' Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar it-tixrid u l-klejms ta' kufidenzjalità fuq l-informazzjoni tal-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà f'IUCLID 5.4 ippubblikat f'Ġunju u l-Manwali aġġornati dwar il-Preżentazzjoni tad-Dejta Nru 15 (dwar it-tixrid) u 16 (dwar il-klejms ta' kufidenzjalità) issa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

Dossiers li jeħtieġ li jiġi aġġornati b'talbiet għal kufidenzjalità għandhom jerġgħu jiġi ppreżentati sal-31 ta' Ottubru 2012. Min-Novembru 'i quddiem, l-ECHA ser tippubblika l-informazzjoni SDS kollha li ma tkunx għiet iddikjarata kufidenzjali.

Fl-istess ħin, ir-reġistranti huma nkoraġġiti wkoll jikkompletaw it-taqṣima li għadha kif għiet introdotta dwar il-valutazzjoni PBT u vPvB tas-sustanza tagħhom. Din l-informazzjoni wkoll tkun magħmula pubblika.

Informazzjoni minn regitrazzjonijiet ta' sustanzi notifikati minn qabel (NONS) tkun ukoll magħmula disponibbli fuq il-websajt. Id-dokument tal-Mistoqsijiet u Tweġibiet dwar NONS ukoll għiet aġġornat b'aktar dettalji.

### Informazzjoni tal-isfond

L-akronimu PBT huwa għal sustanza kimika Persisteni Bioakkumulattiva u Tossika. L-akronimu vPvB huwa għal sustanza kimika Persistenti ħafna u Bioakkumulattiva ħafna [very Persistent, very Bioaccumulative].

Il-leġiżlazzjoni tar-Regolament REACH teħtieġ li kumpaniji jivvalutaw il-karatteristiċi PBT u vPvB tas-sustanzi kimiċi li jidher minn jippli fl-UE.

## Aktar informazzjoni

Rilaxxata verżjoni ġidida ta' REACH-IT (Tħabbira tal-11 ta' Lulju 2012)

[http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal\\_content/59a6b9fa-9895-4720-ab7d-b017f470db2a](http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal_content/59a6b9fa-9895-4720-ab7d-b017f470db2a)

L-ECHA ser tippubblika aktar informazzjoni dwar sustanzi kimiċi (Stqarrija għall-istampa tal-11 ta' Mejju 2011)

[http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal\\_content/77a6455a-c28f-4183-91ca-a854f5c3a176](http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal_content/77a6455a-c28f-4183-91ca-a854f5c3a176)

Mistoqsijiet u tweġibiet dwar id-disseminazzjoni u l-klejms ta' kunfidenzjalità ta' informazzjoni mill-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà f' IUCLID 5.4 (Tħabbira tas-7 ta' Ġunju 2012)

[http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal\\_content/5a35fc19-9d8e-4143-8dd7-50dfd42a5745](http://echa.europa.eu/mt/view-article/-/journal_content/5a35fc19-9d8e-4143-8dd7-50dfd42a5745)

Mistoqsijiet u tweġibiet għar-reġistranti ta' sustanzi notifikati minn qabel (NONS)

<http://echa.europa.eu/mt/support/faqs>

Manwali dwar il-Preżentazzjoni tad-Dejta

<http://echa.europa.eu/mt/support/dossier-submission-tools/>

Il-manwali aġġornati huma inizjalment disponibbli bil-verżjoni Ingliża biss.

Il-websajt IUCLID

<http://iuclid.eu/>

Il-Helpdesk tal-ECHA

<http://echa.europa.eu/mt/support/helpdesks/echa-helpdesk>